IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2025
COM(2025) 593 final

2025/0312 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013 fir-rigward tas-sorveljanza ekonomika u bağitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013, adottat fil-21 ta' Mejju 2013, jistabbilixxi qafas ta' politika komprensiv biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro (a) jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, li jwasslu għal effetti kollaterali potenzjali fuq Stati Membri oħra fiż-żona tal-euro, jew (b) jitolbu jew jirċievu assistenza finanzjarja. B'mod speċifiku, ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jikkonċerna prinċipalment tliet reġimi. L-ewwel nett, dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tagħmel lil Stat Membru taż-żona tal-euro soġġett għal sorveljanza msaħħa f'każ ta' theddid għall-istabbiltà finanzjarja ta' Stat Membru li x'aktarx ikollu effetti kollaterali negattivi fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro, jew meta Stat Membru taż-żona tal-euro jkun qiegħed jirċievi assistenza finanzjarja prekawzjonarja. Taħt din is-sorveljanza, is-sitwazzjoni fiskali tal-Istat Membru kkonċernat hija mmonitorjata aktar mill-qrib, u hija meħtieġa sabiex jiġu adottati miżuri mmirati biex jindirizzaw is-sors tad-diffikultajiet, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista' jkun meħtieġ ukoll jipprovdi informazzjoni addizzjonali relatata mas-settur finanzjarju tiegħu. It-tieni, ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jistabbilixxi wkoll il-qafas legali għall-programmi ta' aġġustament makroekonomiku assoċjati mal-assistenza finanzjarja mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) jew mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF, European Financial Stability Facility), filwaqt li jiżgura li dawn ikunu allinjati u sinkronizzati kif xieraq mal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jeżenta lill-Istat Membru kkonċernat milli jissottometti programm ta' stabbiltà, li minflok huwa integrat fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Barra minn hekk, l-Istat Membru kkonċernat huwa eżentat milli jissottometti rapporti meta jkun soġġett għal proċedura ta' defiċit eċċessiv, u mill-monitoraġġ u l-valutazzjoni skont is-Semestru Ewropew, sabiex jiġu evitati t-trikkib u d-duplikazzjoni tar-rapportar. It-tielet, ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw is-sorveljanza wara l-programm, applikabbli ladarba jintemm programm ta' aġġustament makroekonomiku u sakemm titħallas lura 75 % tal-assistenza riċevuta.

Sa mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 fl-2013, ix-xenarju regolatorju għadda minn bidliet sinifikanti. B'mod partikolari, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni ġie riformat fl-2024 bl-adozzjoni tar-Regolamenti (UE) 2024/1263, 2024/1264 u d-Direttiva (UE) 2024/1265. Ir-riforma introduċiet kunċetti ġodda u għamlet bidliet fl-istruttura tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, introdotti bir-Regolament (UE) 2024/1263, huma l-pedament tar-riforma tal-2024. Huma ssostitwew il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, u b'hekk laqqgħu flimkien l-impenji fiskali, ta' riforma u ta' investiment ta' kull Stat Membru f'qafas komuni. Minħabba l-urġenza ta' dak iż-żmien biex il-koleġiżlaturi jaqblu dwar riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, il-

Kummissjoni ma kinitx ipproponiet emendi għal biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni li jiffurmaw parti mill-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni.

Sa mill-2013, seħħew ukoll bidliet rilevanti oħra għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013. B'mod partikolari, il-ħolqien tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) wassal għal diviżjoni ġdida tar-responsabbiltajiet għas-superviżjoni tal-entitajiet ta' kreditu. Barra minn hekk, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), li nħolqot bħala mekkaniżmu temporanju ta' riżoluzzjoni ta' kriżijiet mill-pajjiżi taż-żona tal-euro f'Ġunju 2010, tista' ma tibqax tinvolvi ruħha fi programmi ġodda ta' finanzjament mill-1 ta' Lulju 2013.

Għalhekk hemm bżonn li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 u l-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-UE, kif ukoll li jiġu riflessi l-iżviluppi istituzzjonali li seħħew mill-2013.

Barra minn hekk, mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 fl-2013, il-Kummissjoni kisbet għarfien u esperjenza siewja rigward l-attivazzjoni kemm tas-sorveljanza msaħħa meta Stat Membru taż-żona tal-euro jkun qiegħed jirċievi assistenza finanzjarja prekawzjonarja u sorveljanza wara l-programm meta Stat Membru joħroġ minn programm ta' aġġustament makroekonomiku. B'mod partikolari, l-esperjenza wriet li t-tfassil attwali tas-sorveljanza msaħħa jista' jkollu effett deterrenti fuq l-Istati Membri li jkunu qegħdin ifittxu assistenza finanzjarja prekawzjonarja u jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' sorveljanza addizzjonali meta dan ma jkunx iġġustifikat. Bl-istess mod, fir-rigward tas-sorveljanza wara l-programm, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tagħha[1], identifikat ċerti nuqqasijiet fl-effettività tas-sorveljanza wara l-programm, inkluż nuqqas ta' enfasi u objettivi ċari, kif ukoll trikkib ma' proċessi oħra ta' sorveljanza ekonomika, bħas-Semestru Ewropew. L-emendi tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, meħtieġa biex jirriflettu r-riformi għall-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u l-iżviluppi istituzzjonali reċenti, jipprovdu wkoll opportunità biex jittejbu u jiġu rfinati s-sorveljanza msaħħa u s-sorveljanza wara l-programm, billi jiġu inkorporati t-tagħlimiet meħuda u jsir titjib immirat biex tiġi żgurata l-effettività kontinwa tagħhom. B'dan il-mod, l-emendi proposti se jintroduċu diversi simplifikazzjonijiet għar-Regolament (UE) Nru 472/2013, u b'hekk jissimplifikaw il-qafas usa' ta' governanza ekonomika tal-UE, inaqqsu l-piż amministrattiv għall-Istati Membri, u jikkontribwixxu għall-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni.

Meta jitqies dan ta' hawn fuq, l-objettiv ta' din il-proposta huwa li l-ewwel tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 u l-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni. It-tieni, il-proposta għandha l-għan li tirrifletti l-iżviluppi istituzzjonali li seħħew mill-2013, inkluż fir-rigward tal-ħolqien tal-MSU u l-fatt li l-EFSF ma tistax tibqa' tidħol fi programmi ta' finanzjament ġodda. It-tielet, fid-dawl tal-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, il-proposta tfittex ukoll li tiċċara l-

[1] Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku: għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni.

applikazzjoni ta' sorveljanza msaħħa meta Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro jkun qiegħed jirċievi assistenza finanzjarja prekawzjonarja, li torbot b'mod espliċitu l-applikazzjoni tiegħu ma' appoġġ prekawzjonarju li jirrikjedi miżuri ta' politika ġodda. Bl-istess mod, il-proposta tfittex li tiċċara l-objettiv u l-ambitu tas-sorveljanza wara l-programm, sabiex tiżdied il-koerenza tagħha mal-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni, kif ukoll biex tinkiseb razzjonalizzazzjoni mmirata, sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-emendi proposti tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 huma konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika kkonċernat, meta jitqiesu l-bidliet sinifikanti li seħħew fix-xenarju regolatorju sa mill-adozzjoni tiegħu fl-2013. Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024, wara l-emendi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 u l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1263, jintroduċi modifiki importanti għall-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u l-emendi proposti tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 jiżguraw konsistenza ma' dawn il-bidliet. B'mod speċifiku, l-emendi proposti jqisu l-introduzzjoni tal-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju u l-interazzjoni mal-proċedura ta' sorveljanza msaħħa, kif stabbilit fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Barra minn hekk, l-emendi proposti huma konsistenti mal-ħolqien tal-MSU skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta biex jiġi emendat ir-regolament se tikkontribwixxi għall-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni mmirata lejn it-tisħiħ tal-kompetittività u s-salvagwardja tal-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali billi jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji u jiġu ssimplifikati l-liġijiet tal-UE u b'hekk l-implimentazzjoni tagħhom issir aktar faċli.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 136 flimkien mal-Artikolu 121(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 136 jipprevedi li sabiex ikun assigurat il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati, il-Kunsill għandu, f'konformità mal-proċedura rilevanti minn fost dawk imsemmija fl-Artikoli 121 u 126, jadotta miżuri speċifiċi għal dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro sabiex: (a) tissaħħaħ il-koordinazzjoni u s-sorveljanza tad-dixxiplina baġitarja tagħhom; (b) jiġu stabbiliti l-linji gwida ta' politika ekonomika għalihom, waqt li jkun assigurat li dawn ikunu kompatibbli ma' dawk adottati għall-Unjoni kollha u li jinżammu taħt sorveljanza. L-Artikolu 121(6) jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jadottaw ir-regoli dettaljati sabiex jirregolaw il-proċedura tas-sorveljanza multilaterali tal-Istati Membri.

L-Artikoli 136 u 121(6) TFUE ntużaw bħala l-bażi legali għar-Regolament (UE) Nru 472/2013, li għandu jiġi emendat bil-proposta attwali.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-istabbiltà ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro għandha dimensjoni tal-Unjoni, peress li l-implikazzjonijiet ta' żbilanċi makroekonomiċi u d-diffikultà finanzjarja fi Stat Membru wieħed jista' jkollhom konsegwenzi għaż-żona tal-euro kollha. Minħabba l-interkonnettività tal-ekonomija Ewropea, l-Istati Membri li jaġixxu waħedhom ma jkunux jistgħu jindirizzaw b'mod adegwat il-kumplessitajiet u l-effetti kollaterali tal-instabbiltà ekonomika. Barra minn hekk, l-objettivi tal-emendi, jiġifieri, li tiġi żgurata l-konsistenza mal-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-UE u li dak il-qafas jiġi rrazzjonalizzat, ma jistgħux jintlaħqu fil-livell tal-Istati Membri peress li jeħtieġu bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Għalhekk il-proposta hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 TUE, peress li għandha l-għan li taġġorna u tirfina l-qafas eżistenti għas-sorveljanza msaħħa, il-programmi ta' aġġustament makroekonomiku, u s-sorveljanza wara l-programm, filwaqt li tiżgura li l-miżuri proposti jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-objettivi. L-għażliet ta' politika deskritti fil-proposta, bħall-kjarifika tal-objettivi tas-sorveljanza wara l-programm u li s-sorveljanza msaħħa ssir aktar reattiva għar-riskji, huma mfassla biex jindirizzaw nuqqasijiet u limitazzjonijiet speċifiċi identifikati fil-qafas attwali. Dawn il-bidliet huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, l-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro, u l-promozzjoni tal-konverġenza ekonomika. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tinkiseb il-konsistenza tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u s-simplifikazzjoni ta' dak il-qafas, peress li tibni fuq strutturi u proċessi eżistenti, u tintroduċi aġġustamenti mmirati biex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi, bħan-nuqqas ta' objettivi ċari għas-sorveljanza wara l-programm u l-ħtieġa għal reġimi ta' sorveljanza aktar differenzjati.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 121(6) TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta' regolamenti. Għalhekk, regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013 huwa l-istrument legali xieraq.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fi Frar 2020[2] u f'Novembru 2022[3], ġew ippubblikati valutazzjonijiet li jħarsu lura tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, li jinkludu wkoll valutazzjoni tar-Regolament (UE)

[2] Il-Komunikazzjoni COM(2020) 55 final tal-5 ta' Frar 2020 mill-Kummissjoni "Rieżami tal-governanza ekonomika, Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE".

Nru 472/2013. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2020 kienet akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni[4].

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2020 sabet li l-qafas għas-sorveljanza tal-Istati Membri li qed jesperjenzaw, jew li huma mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom kien wassal għal għadd ta' titjib u ġeneralment ħadem tajjeb. Madankollu, ġiet enfasizzata l-importanza li tinżamm sjieda nazzjonali adegwata tal-programmi, kif ukoll li għadhom jippersistu wkoll kwistjonijiet ta' trasparenza u responsabbiltà. B'mod partikolari, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni sab li r-Regolament (UE) Nru 472/2013 ippermetta li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro, b'mod partikolari billi jistabbilixxi proċeduri relatati ma' programmi ta' aġġustament makroekonomiku. Dan sab ukoll li r-Regolament (UE) Nru 472/2013 ikkontribwixxa għall-koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro billi żgura l-konsistenza bejn iċ-ċiklu normali tas-sorveljanza tas-Semestru Ewropew u s-sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013. Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ssuġġeriet li jsiru bidliet fl-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, billi tiffoka l-ambitu tas-sorveljanza fuq (i) il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ripagament permezz tal-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika, fiskali u finanzjarja; (ii) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' riformi mhux kompluti li bdew taħt il-programm ta' aġġustament; u (iii) l-valutazzjoni ta' jekk humiex meħtieġa miżuri korrettivi fil-kuntest ta' tħassib għall-kapaċità ta' ripagament jew aċċess kontinwu għas-suq. Ġie ssuġġerit ukoll li l-intensità tas-sorveljanza wara l-programm tintrabat mal-bidla fl-enfasi u mal-valutazzjoni tar-riskji.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tagħha, sabet li filwaqt li s-sorveljanza wara l-programm kienet għodda xierqa, l-effiċjenza tagħha kienet imxekkla minn objettivi mhux ċari u razzjonalizzazzjoni u enfasi insuffiċjenti fuq l-implimentazzjoni. Dan ir-rapport ssottolinja wkoll il-ħtieġa għal enfasi u objettivi aktar ċari għas-sorveljanza wara l-programm, kif ukoll tnaqqis fil-piż amministrattiv u trikkib ma' proċessi oħra ta' sorveljanza ekonomika, bħas-Semestru Ewropew.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, fl-2021, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħarġet ir-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tagħha dwar is-sorveljanza tal-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku. Dan ir-rapport irrakkomanda r-razzjonalizzazzjoni u t-titjib tal-ambitu u l-proċedura tas-sorveljanza wara l-programm sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet ta' rapportar u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Saru diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u l-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro (EWG, Eurogroup Working Group) dwar l-elementi ewlenin tal-emendi tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, fejn l-Istati

[3] Il-Komunikazzjoni dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, COM(2022) 583 final.

[4] SWD(2020) 210 final.

Membri esprimew ir-rieda li jeżaminaw il-proposti għas-simplifikazzjoni li jitressqu mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, saret diskussjoni mal-Kumitat ECON tal-Parlament Ewropew**,** li enfasizzat l-objettivi tal-pakkett ta' simplifikazzjoni, jiġifieri, li tiġi pprovduta ċarezza legali u simplifikazzjoni mmirata, u ddeskriviet l-elementi ewlenin tal-emendi tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, simili għall-informazzjoni pprovduta lill-Istati Membri fil-kumitati rispettivi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

M/A

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta ma toħloqx strument ġdid iżda temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti biex tiżgura l-konsistenza tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ma' elementi oħra tal-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-UE. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tissimplifika l-proċeduri eżistenti u li tnaqqas ir-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri. L-emendi proposti jiffukaw fuq il-bidliet immirati għar-Regolament (UE) Nru 472/2013 eżistenti. Kif iddikjarat hawn fuq fit-taqsima ddedikata għall-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ma hemm l-ebda għażla oħra biex jiġu eliminati dawn l-inkonsistenzi bejn dan ir-regolament u elementi oħra tal-qafas. Għal dawn ir-raġunijiet, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt formali.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

M/A

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza fuq il-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-emendi proposti tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 ma jeħtiġux miżuri biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħhom u ma joħolqux sfidi ta' implimentazzjoni għall-Istati Membri.

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 jirrikjedi li l-Kummissjoni tipproduċi rapport kull 5 snin dwar l-applikazzjoni tar-regolament, li jirrevedi l-elementi li ġejjin: (1) l-effettività tar-Regolament fil-promozzjoni tal-objettivi tiegħu; (2) il-progress fl-iżgurar ta' koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi u l-konverġenza kontinwa fil-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri; (3) il-kontribut tar-regolament għall-kisba ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta biex jiġi emendat ir-regolament.

- **Dokumenti ta’ spjegazzjoni (għad-direttivi)**

M/A

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tagħmel bidliet immirati għar-Regolament (UE) Nru 472/2013. Dawn jikkonsistu fl-eliminazzjoni tal-inkonsistenzi mal-biċċiet ta’ leġiżlazzjoni li rriżultaw mir-riforma tal-2024 tal-qafas ta’ governanza ekonomika tal-UE, u l-iżviluppi istituzzjonali li seħħew mill-2013, kif ukoll fis-simplifikazzjoni u l-kjarifika ta’ elementi f’konformità mal-aġenda ta’ simplifikazzjoni tal-Kummissjoni mmirata lejn it-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji u s-simplifikazzjoni tad-drittijiet tal-UE biex l-implimentazzjoni tagħhom issir aktar faċli.

L-inkonsistenzi fir-Regolament (UE) Nru 472/2013 fil-biċċa l-kbira jikkonċernaw referenzi skaduti għal atti u oqfsa ta’ assistenza finanzjarja oħra li ma għadhomx applikabbli, inkluż bħala riżultat tar-riforma tal-2024 tal-qafas ta’ governanza ekonomika tal-UE, li jirrikjedu emendi tal-Artikoli 1, 2, 3, 5, 6, 7, 10 u 12. B’mod iktar speċifiku: (i) għadd ta’ kontroreferenzi għar-Regolament preċedenti (UE) Nru 1466/97 u r-Regolament (UE) Nru 1467/97 skadew u qed jiġi propost li jiġu aġġornati biex jirriflettu r-riforma tal-2024 tal-qafas ta’ governanza ekonomika tal-UE li kienet tikkonsisti fit-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 1466/97 u s-sostituzzjoni tiegħu bir-Regolament (UE) 2024/1263, u fl-emendar tar-Regolament (UE) Nru 1467/97; (ii) tneħħew ir-referenzi skaduti għall-Programmi ta’ Stabbiltà u ta’ Riforma Nazzjonali tal-Istati Membri, peress li dawn ġew amalgamati fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju wara r-riforma tal-2024; (iii) ir-referenzi skaduti għall-eżenzjoni tal-Istati Membri soġġetti għal programm ta’ aġġustament makroekonomiku skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 mis-sottomissjoni ta’ programm ta’ stabbiltà skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1466/97 ġew sostitwiti b’referenzi għal pjanijiet strutturali-fiskali nazzjonali fuq terminu medju, fejn l-obbligi deskritti fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandhom jiġu integrati fit-tfassil tal-programm ta’ aġġustament makroekonomiku; u iv) l-Artikolu 12 dwar l-eżenzjoni tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika meta Stat Membru jkun soġġett għal programm ta’ aġġustament makroekonomiku jitneħħa peress li din l-eżenzjoni saret obsoleta wara r-riforma tal-qafas ta’ governanza ekonomika tal-UE. Barra minn hekk, tneħħew ir-referenzi għall-EFSF fir-rigward tal-assistenza finanzjarja futura miksuba mill-Istati Membri minn din il-Faċilità, peress li ma għadhiex attiva bħala istituzzjoni mutwanti għal programmi ġodda ta’ assistenza finanzjarja.

L-emendi proposti tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 jallinjaw id-dispożizzjonijiet tiegħu mad-diviżjoni l-ġdida tal-kompiti introdotta bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, li kkonferixxa responsabbiltajiet speċifiċi ta’ superviżjoni prudenzjali lill-BĊE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma’ dan il-qafas il-ġdid, l-emendi proposti tal-Artikolu 3 jagħmlu referenza għal din id-diviżjoni ġdida tal-kompiti, b’mod partikolari meta Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa jkun meħtieġ iwettaq eżerċizzji ta’ test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività biex jivvaluta r-reżiljenza tas-settur finanzjarju jew jippreżenta valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fuq is-settur finanzjarju.

Barra minn hekk, l-emendi proposti tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 għandhom l-għan li jindirizzaw it-tħassib li t-tfassil attwali tas-sorveljanza msaħħa jista' jiskoraġġixxi lill-Istati Membri milli jfittxu assistenza finanzjarja prekawzjonarja meta jkun meħtieġ. Sabiex jinstab bilanċ bejn sorveljanza effettiva u l-ħtieġa li jiġi evitat li l-Istati Membri jiġu diżinċentivati milli jfittxu assistenza prekawzjonarja, meta jkun meħtieġ, l-emendi għandhom l-għan li jiċċaraw iċ-ċirkostanzi li fihom tapplika s-sorveljanza msaħħa għall-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja prekawzjonarja. B'mod speċifiku, l-Artikoli 2 u 3 jipproponu li s-sorveljanza msaħħa għandha tiġi attivata awtomatikament biss meta Stat Membru jirċievi assistenza finanzjarja li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, irrispettivament minn jekk l-assistenza tiġix ipprovduta minn Stati Membri oħra, pajjiżi terzi, l-EFSM, il-MES, jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-FMI. Dan ifisser li l-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja b'kundizzjonijiet, bħal Linja ta' Kreditu b'Kundizzjonijiet Imsaħħa tal-MES (ECCL, Enhanced Conditions Credit Line), kif stabbilit fl-Artikolu 14 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza msaħħa, anke jekk l-assistenza tkun għadha ma ngħatatx. Għal strumenti ġodda ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES, il-Kummissjoni għandha tivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ jekk ir-riċevuta ta' tali assistenza tiġġustifikax sorveljanza msaħħa, filwaqt li tiżgura approċċ aktar irfinat u mmirat għas-sorveljanza. Il-kapaċità addizzjonali għall-Kummissjoni li volontarjament tagħmel lill-Istati Membri soġġetti għat-titjib tas-sorveljanza, jekk ikun meħtieġ, tibqa' teżisti.

Il-bidliet proposti fl-Artikolu 14 jiċċaraw l-ambitu u l-objettiv tas-sorveljanza wara l-programm, fejn is-sorveljanza wara l-programm tkun tenfasizza fuq il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ħlas lura tal-Istati Membri li jkunu rċevew assistenza finanzjarja, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' riformi rilevanti li ma humiex diġà koperti mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju. Is-sorveljanza se tidentifika wkoll il-ħtieġa għal miżuri korrettivi biex jittaffa kwalunkwe riskju ta' ħlas lura. Billi jiċċara l-objettivi u l-enfasi tas-sorveljanza wara l-programm, ir-regolament emendat jipprovdi qafas simplifikat u proporzjonat għas-sorveljanza tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku.

Barra minn hekk, l-emendi jintroduċu sistema f'diversi livelli ta' sorveljanza wara l-programm li tiddistingwi l-livell ta' skrutinju skont ir-riskju ta' ħlas lura u l-ħtieġa għal miżuri korrettivi. Din tippermetti approċċ aktar reattiv u mmirat għas-sorveljanza wara l-programm. Karatteristika ewlenija ta' din is-sistema hija valutazzjoni speċifika tal-kapaċità tal-Istat Membru li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta, li se titwettaq mill-Kummissjoni 5 snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm. Din il-valutazzjoni se tqis fatturi bħas-sostenibbiltà tad-dejn, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG, il-proċeduri ta' defiċit eċċessiv, il-kundizzjonijiet tas-self u l-kundizzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemm l-ebda riskju materjali għall-ħlas lura u wara li l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkun ta l-opinjoni tiegħu, ikun possibbli li jiġu sospiżi il-valutazzjonijiet regolari għal perjodu ta' 5 snin, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Dan jiffaċilita użu aktar effettiv tar-riżorsi biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Istat Membru biex dan joħroġ minn programm ta' aġġustament makroekonomiku u jippromwovi applikazzjoni aktar effiċjenti u mmirata tas-sorveljanza wara l-programm, f'konformità mal-isforzi ta' simplifikazzjoni ġenerali tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 18a ġdid jipprevedi l-istabbiliment ta' arranġamenti amministrattivi bejn il-Kummissjoni u l-fornituri rilevanti ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro, inkluż il-MES. L-għan ta' dawn l-arranġamenti huwa li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mill-qrib u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u dawn il-fornituri, biex

b’hekk jiġi żgurat approċċ koordinat u koeżiv għas-sorveljanza ekonomika u l-assistenza finanzjarja.

Huwa propost li l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 għall-Istati Membri li rċevew assistenza finanzjarja fit-30 ta’ Mejju 2013 (l-Artikolu 16) u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali (l-Artikolu 17) jitħassru peress li skadew.

Fl-aħħar nett, ir-rieżamijiet futuri tal-funzjonament tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 ġew allinjati mar-rieżamijiet dwar il-funzjonament tar-Regolament (UE) 2024/1263 (l-Artikolu 19).

2025/0312 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013 fir-rigward tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136 flimkien mal-Artikolu 121(6) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[5],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] jistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, meta dawk l-Istati Membri (a) jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom jew tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħhom, li jwasslu għal effetti kollaterali negattivi potenzjali fuq Stati Membri oħra fiż-żona tal-euro; jew (b) jitolbu jew jirċievu assistenza finanzjarja.

(2) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni ġie riformat fl-2024. Ir-riforma kellha l-għan li tiffaċilita sorveljanza ekonomika effettiva, ankrata f'qafas komuni li jiżgura trattament ugwali u koordinazzjoni multilaterali tal-politika. L-objettivi tar-riforma kienu li tippromwovi aktar finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir u reżiljenza sodi u inklużivi permezz ta' riformi u investiment, tipprevjeni l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi, u ssaħħaħ is-sjieda nazzjonali. Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, ir-riforma introduċiet kunċetti ġodda u għamlet bidliet fl-istruttura tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. Ir-riforma ġiet implimentata bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264[8] u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265[9].

---

5 ĠU C , , p. .

6 Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/472/oj).

7 Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Frar 2025 bit-titolu "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni"[10], il-Kummissjoni stabbiliet viżjoni għal aġenda ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni li għandha l-għan li tagħti spinta lill-kompetittività u tissalvagwardja l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali billi tnaqqas il-piżijiet regolatorji u tissimplifika d-dritt tal-Unjoni u b'hekk tagħmel l-implimentazzjoni tiegħu aktar faċli.

(4) Fil-kuntest tar-riforma tal-2024 tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni u bil-ħsieb li tiġi ssimplifikata, ikkonsolidata u kkodifikata l-leġiżlazzjoni, l-emendi tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza ma' atti oħra tal-qafas ta' governanza ekonomika u jikkontribwixxu għar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tiegħu.

(5) Il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, introdotti bir-Regolament (UE) 2024/1263, huma l-pedament tar-riforma tal-2024. Huma ssostitwew il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, u b'hekk laqqgħu flimkien l-impenji fiskali, ta' riforma u ta' investiment ta' kull Stat Membru f'qafas komuni. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 472/2013 jiġi emendat biex iqis l-introduzzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju fil-qafas komuni. B'mod partikolari, l-obbligi li jirriżultaw minn pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq fit-tfassil ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku, bil-ħsieb li jiġi żgurat approċċ koerenti u effettiv biex jiġu indirizzati l-isfidi fiskali u makroekonomiċi tal-Istat Membru. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2024/1263, meta Stat Membru jkun soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku, jenħtieġ li ma jkunx rikjest jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jew rapport ta' progress annwali.

(6) Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja ("EFSF", European Financial Stability Facility) inħolqot bħala mekkaniżmu temporanju ta' riżoluzzjoni tal-kriżijiet mill-pajjiżi taż-żona tal-euro f'Ġunju 2010. Sa mill-1 ta' Lulju 2013, l-EFSF ma tistax tibqa' tinvolvi ruħha fi programmi ġodda ta' finanzjament. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 472/2013 jiġi emendat biex iqis dan.

(7) L-esperjenza wriet li t-tfassil attwali tas-sorveljanza msaħħa jista' jkollu effett ta' deterrent fuq l-Istati Membri li jfittxu assistenza finanzjarja prekawzjonarja u jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' sorveljanza addizzjonali meta din ma tkunx ġustifikata. Sabiex jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa għal sorveljanza effettiva u l-ħtieġa li jiġi evitat li l-Istati Membri jiġu diżinċentivati milli jfittxu assistenza prekawzjonarja meta jkun meħtieġ, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 472/2013 jiġi emendat biex jiġu ċċarati ċ-ċirkostanzi li fihom tapplika s-sorveljanza msaħħa meta Stat Membru jirċievi assistenza finanzjarja prekawzjonarja.

---

ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1264/oj).

9 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265 tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L, 2024/1265, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1265/oj).

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Frar 2025, ''Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni'', COM(2025) 47 final.

(8) Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi, mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ("EFSM", European Financial Stabilisation Mechanism), mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("MES") jew minn istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI"), li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, jenħtieġ li jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013, inkluż jekk dik l-assistenza finanzjarja tkun għadha ma ngħatatx. Linja ta' Kreditu b'Kundizzjonijiet Imsaħħa tal-MES ("ECCL", Enhanced Conditions Credit Line) teħtieġ tali miżuri ta' politika ġodda u, bħala tali, Stat Membru li jirċievi tali assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja jenħtieġ li jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa. Fir-rigward ta' strumenti ġodda ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ jekk hemmx tali miżuri ta' politika ġodda u, bħala tali, jekk ir-riċevuta ta' tali assistenza finanzjarja minn Stat Membru tiġġustifikax l-applikazzjoni ta' sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013.

(9) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[11] ikkonferixxa kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew ("BĊE") fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Sabiex tiġi rispettata d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti kif stabbilit minn dak ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 472/2013 dwar informazzjoni jew miżuri superviżorji fir-rigward tas-settur finanzjarju jenħtieġ li jiġu ċċarati biex tiġi rispettata dik id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet.

(10) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jipprevedi li Stat Membru li joħroġ minn programm ta' aġġustament makroekonomiku huwa soġġett għal sorveljanza wara l-programm sakemm titħallas lura 75 % tal-assistenza finanzjarja riċevuta. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tagħha[12], identifikat ċerti nuqqasijiet fl-effettività tas-sorveljanza wara l-programm, inkluż nuqqas ta' enfasi u objettivi ċari, kif ukoll trikkib ma' proċessi oħra ta' sorveljanza ekonomika, bħas-Semestru Ewropew.

(11) Fid-dawl ta' dawk is-sejbiet, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 biex jiġu ċċarati l-objettiv u l-ambitu tas-sorveljanza wara l-programm, sabiex tiżdied il-koerenza tiegħu mal-qafas Ewropew ta' governanza ekonomika u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar. B'mod speċifiku, is-sorveljanza wara l-programm jenħtieġ li tiffoka fuq il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ħlas lura tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-assistenza finanzjarja riċevuta, filwaqt li titqies il-kundizzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dik is-sorveljanza tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' ċerti riformi, sal-punt li tkopri lil dawk ma jkunux diġà soġġetti għal monitoraġġ skont il-pjan fiskali strutturali-nazzjonali fuq terminu medju. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li s-

---

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).

[12] Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku: għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni.

sorveljanza wara l-programm tidentifika l-ħtieġa għal miżuri korrettivi biex jittaffew ir-riskji għall-ħlas lura tal-assistenza finanzjarja riċevuta.

(12) Jeħtieġ ukoll li r-Regolament (UE) Nru 472/2013 jiġi emendat sabiex is-sorveljanza wara l-programm issir aktar proporzjonata għar-riskji, billi tiġi introdotta sistema f'diversi livelli ta' sorveljanza li tiddistingwi l-livell ta' skrutinju skont ir-riskju ta' ħlas lura tal-assistenza finanzjarja riċevuta u l-ħtieġa għal miżuri korrettivi. B'mod partikolari, 5 snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla twettaq valutazzjoni speċifika tal-kapaċità tal-Istat Membru li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemm l-ebda riskju materjali għall-kapaċità tal-Istat Membru li jħallas lura l-assistenza finanzjarja fuq perjodu medju, jenħtieġ li jkun possibbli li l-valutazzjonijiet regolari jiġu sospiżi għal perjodu ta' 5 snin, soġġett għall-ebda bidla materjali fiċ-ċirkostanzi. Qabel ma tikkonkludi l-valutazzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

(13) Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib mal-MES u ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tfittex li tistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa. Tali arranġamenti jgħinu biex jiżguraw li l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi differenti involuti fl-għoti tal-assistenza finanzjarja jkunu kkoordinati u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 472/2013 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jitolbu jew jirċievu assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSM), mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), jew minn xi istituzzjoni finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra, bħalma hu l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta Stat Membru jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, jew minn kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-FMI, li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, il-Kummissjoni għandha tagħmel lil dak l-Istat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa.";

(b) il-paragrafi 4 u 5 jitħassru;

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Stat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa għandu, wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni u f’kooperazzjoni magħha, u f’koordinazzjoni mal-BĊE, l-ASE, il-BERS u, fejn xieraq, il-FMI, jadotta miżuri mmirati lejn l-indirizzar tas-sorsi jew sorsi potenzjali tad-diffikultajiet. Meta jagħmel dan, l-Istat Membru għandu jqis kwalunkwe rakkomandazzjoni indirizzata lilu skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta’ Lulju 1997**, jew ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

---

*Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/oj).”;

(b) il-paragrafu 2 jitħassar;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Fuq talba mill-Kummissjoni, Stat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa għandu:

(a) jikkomunika lill-Kummissjoni, lill-BĊE, u fejn xieraq lill-ASE rilevanti, f’konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010, skont il-frekwenza mitluba, informazzjoni diżaggregata dwar s-sistema finanzjarja tiegħu, inkluż ir-riżultati ta’ kwalunkwe eżerċizzju ta’ test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività mwettqa skont il-punt (b) ta’ dan il-paragrafu;

(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-BĊE fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew fejn ikun xieraq, taħt is-superviżjoni tal-ASE rilevanti, eżerċizzji ta’ test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività, kif meħtieġ, biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u l-BĊE b’koordinazzjoni mal-ASE rilevanti u l-BERS;

(c) ikun meħtieġ jippreżenta valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fuq is-settur finanzjarju fil-qafas tar-rieżami bejn il-pari speċifika mwettqa mill-BĊE, fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew, fejn xieraq, mill-ASE rilevanti;

(d) jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni li hemm bżonn biex ikunu sorveljati l-iżbilanċi makroekonomiċi f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 1176/2011;

(e) jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għal finijiet ta’ sorveljanza baġitarja.

L-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c), ta’ dan il-paragrafu għandha tirrispetta d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet stabbilita mill-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013*.

Fejn rilevanti, il-BĊE, fil-kapaċità superviżorja tiegħu f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u l-ASE rilevanti għandu jħejji, flimkien mal-BERS, valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet potenzjali tas-sistema finanzjarja u għandu jippreżenta dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni, bil-frekwenza indikata minn din tal-aħħar, u lill-BĊE.

Il-Kummissjoni, il-BĊE, u l-ASE rilevanti għandhom iżommu kwalunkwe informazzjoni diżaggregata mibgħuta lilhom bħala kunfidenzjali.

---

* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).";

(d) il-paragrafu 4 jitħassar;

(e) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

(a) "Bħala regola, kull trimestru, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u lill-KEF. F'dik il-valutazzjoni, hija għandha teżamina, b'mod partikolari, jekk humiex meħtieġa miżuri ulterjuri.";

(4) fl-Artikolu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Stat Membru li jkun biħsiebu jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew mingħand diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-MES, jew minn istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-FMI għandu jinforma immedjatament lill-President tal-Grupp ta' Ħidma tal-grupp tal-euro, lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u lill-President tal-BĊE bl-intenzjoni tiegħu.";

(5) fl-Artikolu 6, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Fejn Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja mill-EFSM jew mill-ESM, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, flimkien mal-BĊE u kull fejn possibbli, mal-FMI, is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern ta' dak l-Istat Membru u l-ħtiġijiet ta' finanzjament proprji jew potenzjali tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dik il-valutazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma tal-grupp tal-euro jekk l-assistenza finanzjarja għandha tingħata skont il-MES jew l-EFSF, u lill-KEF jekk l-assistenza finanzjarja għandha tingħata skont l-EFSM.

Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun ibbażata fuq l-aktar xenarju makroekonomiku possibbli jew xenarju aktar prudenti u previżjonijiet baġitarji li jużaw l-aktar informazzjoni aġġornata u filwaqt li jitqies kif dovut l-eżitu tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 3(3). Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt tax-xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji u l-iżviluppi negattivi fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern."

(6) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew mingħand diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-

MES jew mill-FMI, huwa għandu jipprepara, bi qbil mal-Kummissjoni, li taġixxi f'koordinazzjoni mal-BĊE u, fejn xieraq, mal-FMI, abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li għandu jinkludi miri baġitarji annwali. F'konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, meta Stat Membru jkollu pjan fiskali-strutturali nazzjonali attiv fuq terminu medju, u dak l-Istat Membru jsir soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku, dak il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandu jitqies fit-tfassil tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku.";

(ii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-memorandum ta' qbil iffirmat mill-Kummissjoni f'isem il-MES ikun konsistenti bis-sħiħ mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill.";

(c) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-KEF b'tali progress kull 3 xhur. L-Istat Membru kkonċernat għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni u mal-BĊE. Huwa għandu, b'mod partikolari jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-BĊE bl-informazzjoni kollha li jqisu neċessarja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku f'konformità mal-Artikolu 3(3).";

(d) fil-paragrafu 12, it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Rigward dawk l-istrumenti, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu, b'deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat, japprova r-rekwiżiti ta' politika ewlenin, li l-MES biħsiebu jinkludi fil-kundizzjonalità għas-sostenn finanzjarju tiegħu, sat-tali punt li l-kontenut ta' dawk il-miżuri jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni kif stipulat fit-Trattati.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-memorandum ta' qbil iffirmat mill-Kummissjoni f'isem il-MES ikun konsistenti bis-sħiħ ma' din id-deċiżjoni tal-Kunsill.";

(7) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jitħassar;

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) huwa għandu jkun eżenti milli jippreżenta, kif xieraq, ir-rapporti skont l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97;";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fir-rigward tal-monitoraġġ previst fl-Artikolu 7(4) ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jkun eżenti mill-monitoraġġ skont l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 u l-monitoraġġ sottostanti għal kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament.";

(8) L-Artikolu 12 jitħassar;

(9) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Stat Membru għandu jkun taħt sorveljanza wara l-programm sakemm minimu ta' 75 % tal-assistenza finanzjarja mogħtija minn wieħed jew iżjed mill-Istati Membri l-oħra, mill-EFSM, mill-MES jew mill-EFSF ma tkunx tħallset lura. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jestendi d-durata tas-sorveljanza wara l-programm fil-każ ta' riskji persistenti għall-istabbiltà finanzjarja jew is-sostenibilità fiskali tal-Istat Membru kkonċernat. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha titqies li ġiet adottata mill-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix, b'maġġoranza kwalifikata, li jirrifjutaha fi żmien 10 ijiem mill-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. Waqt li Stat Membru jkun taħt sorveljanza wara l-programm imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tivvaluta dawn kollha li ġejjin:

(a) il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta, b'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja tiegħu;

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/1263, l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe riforma inkluża fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku jew fid-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 7(12) ta' dan ir-Regolament;

(c) il-ħtieġa għal miżuri korrettivi biex jittaffew ir-riskji tal-Istat Membru kkonċernat biex iħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta.

1b. Bħala regola, il-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE, għandha tikkomunika kull 6 xhur, il-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1a lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, lill-KEF u lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fuq talba mill-Kummissjoni, Stat Membru taħt sorveljanza wara l-programm għandu jikkonforma mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 3(3).";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

"2a. Ħames snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, il-Kummissjoni tista' tipprepara valutazzjoni speċifika dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Hija u tipprepara dik il-valutazzjoni, minbarra l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja, inkluż tal-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha li ġejjin:

(a) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwiex ogħla minn 90 %;

(b) jekk il-Kunsill iddeċidiex, abbażi tal-Artikolu 126(6) TFUE, li jeżisti defiċit eċċessiv;

(c) l-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-Kummissjoni ta' dak l-Istat Membru;

(d) il-kundizzjonijiet tas-self ta' dak l-Istat Membru;

(e) il-kundizzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja f'dak l-Istat Membru.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni speċifika tagħha lill-KEF. Wara opinjoni mill-KEF, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1a għal 5 snin jekk tikkonkludi li fuq terminu medju ma jkun hemm l-ebda riskju materjali għall-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha dwar is-sospensjoni tal-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1a lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, lill-KEF u lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat.

2b. Wara li tlesti l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2a, il-Kummissjoni għandha tipprovdi valutazzjoni ġdida skont dak il-paragrafu fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) mal-iskadenza tas-sospensjoni;

(b) jekk tinbidel xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 2a, il-punt (a) jew (b);

(c) jekk xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 2a, il-punt (c), (d) jew (e) tmur għall-agħar materjalment.";

(e) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha twettaq, flimkien mal-BĊE, missjonijiet ta' rieżami fl-Istat Membru taħt sorveljanza wara l-programm kif meħtieġ għall-finijiet tal-paragrafi 1a, 2a u 2b.";

(f) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jkun sar taħt is-sorveljanza wara l-programm.";

(10) L-Artikoli 16 u 17 jitħassru;

(11) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"*Artikolu 18a*

Arranġamenti amministrattivi mal-MES u istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti oħra

Il-Kummissjoni għandha tfittex li tistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa mal-MES u ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra biex tiżgura kooperazzjoni mill-qrib fit-twettiq tal-attivitajiet previsti f'dan ir-Regolament.";

(12) fl-Artikolu 19, it-tieni paragrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-kisba ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3

1.3. Objettiv(i) 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10
3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali 30
4.2. Data 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emendar tar-Regolament (UE) Nru 472/2013.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

It-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

L-ewwel objettiv tal-proposta huwa li l-qafas legali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jiġi allinjat mal-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-UE li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024, li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1466/97 (u li jiġi ssostitwit bir-Regolament (UE) 2024/1263) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1467/97, kif ukoll li jirrifletti l-iżviluppi istituzzjonali li seħħew mill-2013.

It-tieni objettiv huwa li jitqiesu l-esperjenza u l-għarfien siewja miksuba permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, billi jiġu ċċarati l-ambitu u l-applikazzjoni kemm tas-sorveljanza msaħħa kif ukoll tas-sorveljanza wara l-programm. B'dan il-mod, il-proposta se tikkontribwixxi wkoll għar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-UE, l-emendi proposti tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 (i) se jaġġornaw ir-referenzi għad-dokumenti u l-kunċetti introdotti mir-riforma tal-2024, kif ukoll il-kontroreferenzi għall-biċċiet tal-leġiżlazzjoni li ġew emendati bħala parti minn dik ir-riforma; (ii) ineħħu l-proċeduri obsoleti u r-rekwiżit għall-Istati Membri biex jipproduċu dokumenti u obbligi ta' rapportar addizzjonali li ma għadhomx meħtieġa wara r-riforma tal-2024.

Barra minn hekk, b'kont meħud tal-esperjenzi miksuba bl-applikazzjoni ta' sorveljanza msaħħa, l-emendi se jfittxu li jiċċaraw l-applikazzjoni ta' sorveljanza msaħħa meta Stat Membru taż-żona tal-euro jkun qiegħed jirċievi assistenza finanzjarja prekawzjonarja. Fl-aħħar nett, filwaqt li jitqiesu s-sejbiet rilevanti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-emendi proposti għar-Regolament (UE) Nru 472/2013 se jiċċaraw l-iskop u l-objettiv tas-sorveljanza wara l-programm, kif ukoll l-applikazzjoni tagħha, b'potenzjal li tiġi rrazzjonalizzata s-sorveljanza meta jkun meħtieġ.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Il-proposta għandha tipprevjeni d-duplikazzjoni tar-rapportar u twassal għal tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-Istati Membri taż-żona tal-euro mhedda bi kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, il-proposta għandha tevita li tiddiżinċentiva lill-Istati Membri taż-żona tal-euro milli jitolbu assistenza finanzjarja prekawzjonarja meta jkun meħtieġ. Fl-aħħar nett, il-proposta għandha tiċċara l-ambitu u l-objettiv tas-sorveljanza wara l-programm, li tirriżulta f'implimentazzjoni aħjar tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Il-Kummissjoni se tipproduċi rapport kull 5 snin, li jirrevedi (i) l-effettività tar-regolamenti fil-kisba tal-objettivi tagħhom; (ii) il-progress fl-iżgurar ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri f'konformità mat-TFUE; u (iii) il-kontribut tar-regolamenti għall-kisba ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika. Fejn xieraq, ir-rapport ikun akkumpanjat minn proposta biex jiġu emendati r-regolamenti.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[13]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☒ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

M/A

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*): L-azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa minħabba r-rwol mogħti mit-Trattati tal-UE biex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u baġitarji tal-Istati Membri u b'mod partikolari tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, li huma soġġetti għal effetti kollaterali ekonomiċi aktar b'saħħithom inkluż dawk relatati mal-istabbiltà

[13] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

finanzjarja. L-azzjonijiet mill-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jilħqu dawn l-għanijiet.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*): L-adozzjoni tar-regolament emendat se twassal għal implimentazzjoni aħjar tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE mill-Istati Membri, filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-Istati Membri.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

M/A

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

M/A

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

M/A

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[14]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, regolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa

[14] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

Il-proposta ma għandhiex impatt fuq il-baġit tal-UE.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

M/A

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

M/A

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

M/A

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

M/A

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

M/A

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Il-proposta ma għandhiex impatt fuq il-baġit tal-UE.

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff[15].	mill-pajjiżi tal-EFTA[16]	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[17]	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mh	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

15 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
16 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
17 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

		ux diff.				

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	

DĠ: <…….>			Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021-2027**
Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					**0,000**
	Pagamenti	(2a)					**0,000**
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					**0,000**
	Pagamenti	(2b)					**0,000**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[18]							
Linja baġitarja		(3)					**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <…….>	Impenji	=1a+1b+3	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
	Pagamenti	=2a+2b+3	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021-2027**

[18] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
	Pagamenti	=5+6	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6)						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[19]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[20]…																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		

[19] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[20] Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi"

Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																
- Output																
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																
TOTALI																

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL 2021 - 2027
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal tal-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
TOTAL	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)[21]

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
• Persunal estern (f'FTEs)				

[21] Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")		0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji bażitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7		0	0	0	0
Linji bażitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7		0	0	0	0
TOTAL		**0**	**0**	**0**	**0**

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	**Persunal addizzjonali eċċezzjonali ***		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew skont ir-Riċerka	**Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA**	**Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi**
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal			M/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)				

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL QFP 2021 - 2027**
INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal tal-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
Barra mill-INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**

Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
TOTAL	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja bağitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[22]			
		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**

[22] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

	kurrenti				
Artikolu …….					

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

L-emendi proposti ma jistabbilixxu l-ebda rekwiżit ġdid ta' rilevanza diġitali. Il-bidliet proposti ma jintroduċu l-ebda obbligu jew dispożizzjoni addizzjonali relatati mal-ġbir, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, l-iskambju, jew il-kondiviżjoni tad-data, l-awtomatizzazzjoni jew id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-partijiet ikkonċernati, l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda jew eżistenti, jew servizzi pubbliċi diġitali. Għalhekk, ma ġie identifikat l-ebda rekwiżit addizzjonali ta' rilevanza diġitali f'din il-proposta.

4.2. Data

MA

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

MA

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

MA

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

MA